Nru./No. 21,483
Prezz/Price
€1.44

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 7 ta' Awwissu, 2025
Thursday, 7th August, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 10,497 - 10,523
Government Notices ..... *10,497 - 10,523*

Avviżi tal-Qorti 10,524
Court Notices *10,524*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1235

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-7 ta' Awwissu, 2025

(File No. L/40/2024)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fiż-Żebbuġ, Għawdex:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 26 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni ma' formazzjoni ta' Triq San Mikiel.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2024_0171, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija hu ta' dsatax-il elf, sitt mija u disgħin Ewro (€19,690), skont l-istima li saret mill-Perit Claire Carter, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1235

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

7th August, 2025

Description of the Land

The following land at Żebbuġ Gozo:

A plot of land measuring about 26 square metres, bounded on the North, on the East and South by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned land is being acquired in connection with the formation of Triq San Mikiel.

The plot of land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2024_0171, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is nineteen thousand, six hundred and ninety Euros (€19,690), according to the valuation made by Architect Claire Carter, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Id-19 ta' Ġunju, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 10,499.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċa art fi Triq San Mikiel, fiż-Żebbuġ, Għawdex, meħtieġa għal finijiet ta' esproprazzjoni għal skopijiet pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq San Mikiel, fiż-Żebbuġ, Għawdex, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 26 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2024_0171 hija stmata għall-valur ta' dsatax-il elf, sitt mija u disgħin Ewro (€19,690).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-3 ta' Settembru, 2024. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Claire Carter

It-18 ta' Ġunju, 2025

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

19th June, 2025

This site plan is being published on page 10,499.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land in Triq San Mikiel, in Żebbuġ, Gozo, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am determining the freehold and unencumbered value of the property mentioned below in Triq San Mikiel, in Żebbuġ, Gozo, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 26 square metres, bounded on the North, on the East and South by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2024_0171 is valued for nineteen thousand, six hundred and ninety Euros (€19,690).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 3rd September, 2024. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Claire Carter

18th June, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:100

0 2 4 6 8 10m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **353434 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 31428** **y = 92660**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **3092**	Data: *Date:* **13/06/2024**

Perit:
Architect:

Timbru tal-Perit:
Architect's Stamp:

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri):
Area (square metres): 26 m² circa

Firma ta' l-Applikant:
Applicant's Signature:

LR 350157

Dritt imħallas
Fee Paid

Nru. 1236

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun għal pussess u użu għall-perjodu ta' sentejn (2) minn meta bdew x-xogħlijiet.

Is-7 ta' Awwissu, 2025

(File No. L/0122/2024)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fiż-Żejtun:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,686 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

Il-biċċa art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi akkwistata b'titolu ta' pussess u użu għall-perjodu ta' sentejn b'konnessjoni ma' xogħlijiet tas-Sewer Collection System Upgrade fi Triq il-Labour, iż-Żejtun, li se jsiru mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D. nru. 2024_0448, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sentejn (2) għall-biċċa art hawn fuq imsemmija hija ta' tletin elf, ħames mija, sitta u sittin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€30,566.68), skont l-istima li saret mill-Perit Mariello Spiteri, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 1236

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by possession and use for a period of two (2) years from the commencement of works.

7th August, 2025

Description of the Land

The following land at Żejtun:

A plot of land measuring about 2,686 square metres, bounded on the North and on the South by a public road and on the East by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned land is being acquired by title of possession and use or a peroiod of two years in connection with works on the Sewer Collection System Upgrade in Triq il-Labour, Żejtun, which will be done by the Water Services Corporation .

The plot of land is shown delineated with the colour blue on plan P.D. no. 2024_0448, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The acquistion rent for a period of two (2) years for the above mentioned plot of land is thirty thousand, five hundred and sixty six Euros and sixty eight cents (€30,566.68), according to the valuation made by Architect Mariello Spiteri, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-15 ta' Lulju, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 10,502.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċa art fi Triq il-Labour, fiż-Żejtun, li se tiġi akkwistata b'titolu ta' Pussess u Użu għall-perjodu ta' sentejn (2), meħtieġa mill-Gvern għal Skop Pubbliku.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sentejn (2) tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq il-Labour, fiż-Żejtun, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,686 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D. nru. 2024_0448. Il-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sentejn (2) għall-biċċa art hawn fuq imsemmija hija ta' tletin elf, ħames mija, sitta u sittin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€30,566.68).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fis-16 ta' Lulju, 2022. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Mariello Spiteri

L-14 ta' Lulju, 2025

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

15th July, 2025

This site plan is being published on page 10,502.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land in Triq il-Labour, at Żejtun, which is being acquired by title of Possession and Use for a period of two (2) years, required by Government for a Public Purpose.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am determining the acquistion rent for a period of two (2) years of the property mentioned below in Triq il-Labour, at Żejtun, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 2,686 square metres, bounded on the North and on the South by a public road and on the East by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour blue on plan P.D. no. 2024_0448. The acquistion rent for a period of two (2) years for the above mentioned plot of land is thirty thousand, five hundred and sixty six Euros and sixty eight cents (€30,566.68).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 16th July, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Mariello Spiteri

14th July, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **365243 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 57431 y = 68065**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5668**	Data: *Date:* **23/09/2024**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA : 2,686m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350412

Dritt imhallas *Fee Paid*

Nru. 1237

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun għal pussess u użu għall-perjodu ta' sentejn (2) minn meta bdew x-xogħlijiet.

Is-7 ta' Awwissu, 2025

(File No. L/0296/2023/0001- Plot numru l)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'San Pawl il-Baħar:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 4,115-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika u mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

Il-bicca art hawn fuq imsemmija qiegħda tigi akkwistata b'konnessjoni ma' xogħlijiet ta' Sewer Collection Upgrade, li se jsiru mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur ikħal u mmarkata bħala plot numru 1 fuq il-pjanta P.D. nru. 2023_0439, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sentejn (2) għall-biċċa art hawn fuq imsemmija hija ta' sitta u erbgħin elf, tmien mija u tmienja u għoxrin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€46,828.70), skont l-istima konġunta li saret mill-Periti Robert C. Vella, Ivan Cachia u Mariello Spiteri, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 1237

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by possession and use for a period of two (2) years from the commencement of works.

7th August, 2025

Description of the Land

The following land at San Pawl il-Baħar:

A plot of land measuring about 4,115 square metres, bounded on the North by a public road and on the East and South by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned land is being acquired in connection with works on the Sewer Collection System Upgrade, which will be done by the Water Services Corporation .

The plot of land is shown delineated with the colour blue and marked as plot number 1 on plan P.D. no. 2023_0439, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The acquistion rent for a period of two (2) years for the above mentioned plot of land is forty six thousand, eight hundred and twenty eight Euros and seventy cents (€46,828.70), according to the joint valuation made by Architects Robert C. Vella, Ivan Cachia and Mariello Spiteri, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-26 ta' Ġunju, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 10,505.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' porzjon ta' art f'San Pawl il-Baħar li se tiġi akkwistata b'titolu ta' Pussess u Użu, meħtieġa mill-Gvern għal Skop Pubbliku.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Ligijiet ta' Malta qegħdin niffissaw il-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sentejn (2) tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Sqaq il-Ward f'San Pawl il-Baħar, li hija meħtieġa mill-Gvern għal Skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajna l-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġ uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 4,115-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika u mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur ikħal u mmarkata bħala plot numru l fuq il-pjanta P.D. nru. 2023_0439. Il-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sentejn (2) għall-biċċa art hawn fuq imsemmija hija ta' sitta u erbgħin elf, tmien mija u tmienja u għoxrin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€46,828.70).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tagħna fis-16 ta' Ottubru, 2023. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Robert C. Vella
Perit Ivan Cachia
Perit Mariello Spiteri

Il-25 ta' Ġunju, 2025

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

26th June, 2025

This site plan is being published on page 10,505.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a portion of land in San Pawl il-Baħar, which is being acquired by title of Possession and Use, required by Government for a Public Purpose.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, we are determining the acquistion rent for a period of two (2) years of the undermentioned property in Sqaq il-Ward at San Pawl il-Baħar, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 4,115 square metres, bounded on the North by a public road and on the East and South by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour blue and marked as plot no. 1 on plan P.D. no. 2023_0439. The acquistion rent for a period of two (2) years for the above mentioned plot of land is forty six thousand, eight hundred and twenty eight Euros and seventy cents (€46,828.70).


Note: This is an extract of the original report given by us on the 16th October, 2023. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Robert C. Vella
Architect Ivan Cachia
Architect Mariello Spiteri

25th June, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **337475 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 45022 y = 78256**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **4478**	Data: *Date:* **08/02/2024**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 4,115 circa

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 285336

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 1238

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun għal pussess u użu għall-perjodu ta' sentejn (2) minn meta bdew x-xogħlijiet.

Is-7 ta' Awwissu, 2025

(File No. L/0296/2023/0004- Plot numru 4)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'San Pawl il-Baħar:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,567 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, min-Nofsinhar u mill-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

Il-biċċa art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi akkwistata b'titolu ta' pussess u użu għall-perjodu ta' sentejn (2) b'konnessjoni ma' xogħlijiet ta' Sewer Collection System Upgrade by means of Trenchless Technology, li se jsiru mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur ikħal u mmarkata bħala plot numru 4 fuq il-pjanta P.D. nru. 2023_0439_3, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sentejn (2) għall-biċċa art hawn fuq imsemmija hija ta' disgħa u għoxrin elf u mitejn u tnax -il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€29,212.46), skont l-istima konġunta li saret mill-Periti Robert C. Vella, Ivan Cachia u Mariello Spiteri, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 1238

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by possession and use for a period of two (2) years from the commencement of works.

7th August, 2025

Description of the Land

The following land at San Pawl il-Baħar:

A plot of land measuring about 2,567 square metres, bounded on the North by a public road, on the South and East by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned land is being acquired by title of possession and use for a period of two (2) years in connection with works on the Sewer Collection System Upgrade by means of Trenchless Technology, which will be done by the Water Services Corporation .

The plot of land is shown delineated with the colour blue and marked as plot number 4 on plan P.D. no. 2023_0439_3, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The acquistion rent for a period of two (2) years for the above mentioned plot of land is twenty nine thousand, two hundred and twelve Euros and forty six cents (€29,212.46), according to the joint valuation made by Architects Robert C. Vella, Ivan Cachia and Mariello Spiteri, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-15 ta' Lulju, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 10,508.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' porzjon ta' art fi Triq Jean De La Cassiere, f'San Pawl il-Baħar li se tiġi akkwistata b'titolu ta' Pussess u Użu għall-perjodu ta' sentejn (2), meħtieġa mill-Gvern għal Skop Pubbliku.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Ligijiet ta' Malta qegħdin niffissaw il-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sentejn (2) tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq Jean De La Cassiere, f'San Pawl il-Baħar, li hija meħtieġa mill-Gvern għal Skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajna l-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġ uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,567 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, min-Nofsinhar u mill-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur ikħal u mmarkata bħala plot numru 4 fuq il-pjanta P.D. nru. 2023_0439_3. Il-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sentejn (2) għall-biċċa art hawn fuq imsemmija hija ta' disgħa u għoxrin elf u mitejn u tnax -il Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€29,212.46).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tagħna fis-16 ta' Ottubru, 2023. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Robert C. Vella
Perit Ivan Cachia
Perit Mariello Spiteri

L-14 ta' Lulju, 2025

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

15th July, 2025

This site plan is being published on page 10,508.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a portion of land in Triq Jean De La Cassiere, at San Pawl il-Baħar, which is being acquired by title of Possession and Use for a period of two (2) years, required by Government for a Public Purpose.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, we are determining the acquistion rent for a period of two (2) years of the undermentioned property in Triq Jean De La Cassiere, at San Pawl il-Baħar, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 2,567 square metres, bounded on the North by a public road, on the South and East by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour blue and marked as plot no. 4 on plan P.D. no. 2023_0439_3. The acquistion rent for a period of two (2) years for the above mentioned plot of land is twenty nine thousand, two hundred and twelve Euros and forty six cents (€29,212.46).


Note: This is an extract of the original report given by us on the 16th October, 2023. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Robert C. Vella
Architect Ivan Cachia
Architect Mariello Spiteri

14th July, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali ghall-użu biss fl-Aġenzija ghar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **321564 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 46770 y = 78216**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **4678**	Data: *Date:* **29/09/2023**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* Circa :- 2,567 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 284941 Dritt imhallas *Fee Paid*

Nru. 1239

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'dikjarazzjoni tal-Aġent President ta' Malta tas-16 ta' April, 1987, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136) u illi l-Akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-7 ta' Awwissu, 2025

(File No. L/0085/1985/I/0016 - plot 16)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħaż-Żebbuġ, Malta:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,552 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sinjura Gaetana Zammit, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sinjura Emelda Abela u mit-Tramuntana ma' triq pubblika jew irjieħ verjuri.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħdar u mmarkata bhala plot numru '16' fuq il-pjanta L.D. nru.36A/86, li wiehed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini tal-Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-Kumpens offrut ghall-biċċa art hawn fuq imsemmija a bażi tal-Artikolu 44 u 64 tal-Kapitolu 573 huwa ta' tlieta u ħamsin elf, tliet mija u għaxar Ewro (€53,310), skont l-istima li saret mill-Periti Arkitetti Philip Mifsud, Mark Anthony Muscat u Edwin Mintoff li l-estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 1239

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Acting President of Malta of the 16th April, 1987, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

7th August, 2025

Description of the Land

The following land in Ħaż-Żebbuġ, Malta:

A plot of land measuring about 3,552 square metres, bounded on the South by property of Ms Gaetana Zammit, on the South by property of Ms Emelda Abela West and on the North by a public road or more precise boundaries.

The above mentioned plot of land is shown delineated with the colour green and marked as plot number '16' on plan L.D. no. 36A/86, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned plot of land in terms of Article 44 and 64 of Chapter 573 is fifty three thousand, three hundred and ten Euros (€53,310), according to the valuation made by Architects Philip Mifsud, Mark Anthony Muscat and Edwin Mintoff, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-23 ta' Lulju, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 10,511.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' porzjon ta' art, f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, meħtieġa għal finijiet ta' esproprazzjoni għal skopijiet pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Ligijiet ta' Malta qegħdin niffissaw il-valur liberu u frank fis-sena 1987, liema valur ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda ta l-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan a rigward il-biċċa art hawn taħt deskritta fi Triq l-Imdina, f'Ħal Qormi li hija meħtieġa mill-Gvern għal Skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajna il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġ uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,552 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sinjura Gaetana Zammit, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sinjura Emelda Abela u mit-Tramuntana ma' triq pubblika jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħdar fuq il-pjanta L.D. nru. 36A/86 u hija stmata għall-valur ta' tlieta u ħamsin elf, u tliet mija u għaxar Ewro (€53,310).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tagħna fit-18 ta' Marzu, 2025. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Philip Mifsud
Perit Mark Anthony Muscat
Perit Edwin Mintoff

It-22 ta' Lulju, 2025

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

23rd July, 2025

This site plan is being published on page 10,511.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land in Ħaż-Żebbuġ, Malta, required for expropriation purposes for public purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, we are assessing the freehold and unencumbered value in the year 1987, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the land at Triq l-Imdina, in Ħal Qormi, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 3,552 square metres, bounded on the South by property of Ms Gaetana Zammit, on the South by property of Ms Emelda Abela West and on the North by a public road or more precise boundaries, is shown delineated with the colour green on plan L.D. no. 36A/86 and valued for fifty three thousand, three hundred and ten Euros (€53,310).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 18th March, 2025. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Philip Mifsud
Architect Mark Anthony Muscat
Architect Edwin Mintoff

22nd July, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only 007494




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **346056 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 51178** **y = 70381**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **5070**	Data: *Date:* **16/04/2024**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Anne Marie [illegible]
Senior Professional Officer
Architect and Civil Engineer
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 3552 m² circa

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 285497 Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 1240

MINISTERU GĦALL-KULTURA, L-ARTIJIET U L-GVERN LOKALI

Noti ta' Spjegazzjoni

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Leġiżlazzjoni	Ordni tal-2025 dwar l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (Miżuri għall-Implimentazzjoni), (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"ordni")
Attività li għandha tiġi regolata	It-tisħiħ tal-libertà tal-midja, il-pluraliżmu u l-indipendenza fix-xenarju tal-midja fis-suq intern b'effett fuq il-forniturи tas-servizzi tal-midja u l-ġurnalisti.
Entità responsabbli	L-Uffiċċju għar-Reklamar u l-Media (li għad irid jitwaqqaf)

2. Taqsira u l-Isfond

